# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M.
## (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 23 ta' Novembru 2017**

**Rikors Numru: 92/2016 JPG**

**Kawza Numru: 5**

**Christopher Bartolo (KI 390981M)**

**VS**

**Avukat Generali**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta' Christopher Bartolo, KI 390981M, datat 5 ta' Ottubru 2016, (vide fol. 1 et seqq.); li jaqra hekk;

*1. Illi l-esponenti gie imressaq b'arrest, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja talli nhar il-31 ta' Mejju 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dan il-*

*gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, u li jiksru listess dipsozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;*

*I. ipproduca, biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*II. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu droga ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 talLigijiet ta' Malta liema droga instaghbet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghal uzu esklussiv taghhom;*

*III. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda millpjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*IV. u aktar talli renda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi sa minn l-ewwel seduta ta' dan il-kaz, kien gie ivverbalizzat li r-rikorrenti qieghed taht kura minhabba l-kundizzjoni fizika tieghu u li kien jehtieglu imur l-isptar ghal-kura darba iva u darba le;*

*3. Illi fil-fatt f'dan il-perjodu l-esponenti kien qieghed jiehu trattament mediku marbut ma dialysis minhabba problemi kbar fil-kliewi;*

*4. Illi dan l-istat ta' fatt kien gie ukoll ikkonfermat minn l-Ispettur Bernard Charles Spiteri f'din lewwel seduta';*

*5. Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri kien xhed l-istess spetter Bernard Charles Spiteri fejn stqarr li wara li saret tfittxija, instabet d-droga tal-kannabis fir-residenza fejn kien jghix ir-rikorrenti;*

*6. Illi f'dan il-kaz skond ix-xhieda ta' l-ispizjar Godwin Sammut, il-piz totali tas-sustanza li kienet fil-pussess ta' l-esponenti kien ta' 167.52 grammi ta' purita ta' cirka tmienja fil-mija (8%);*

*7. Illi l-ispettur Bernard Charles Spiteri kien fil-31 ta Mejju 2013 ghal habt tas-6:30pm issottometta lill-esponenti ghal l-interogazzjoni u l-imputat kien irrilaxxa stqarrija u dan wara li huwa kien ikkonsulta ma l-avukat tieghu Dr Joshua Grech;*

*8. Illi Dr Joshua Grech ma kienx prezenti waqt li ttiehdu l-istqarrijiet ta' l-esponenti;*

*9. Illi qabel ta' l-ewwel stqarrija tieghu, l-esponenti kien ghadu kemm gie lura minn l-isptar wara li kien inghata l-kura li kellu bzonn;*

*10. Illi l-ghada l-1 ta' Gunju 2013, l-ispettur rega ha stqarrija ohra minghand il-rikorrenti pero din ldarba l-ispettur Bernard Charles Spiteri ghogbu li ma jergax jaghti d-dritt lill-esponenti sabiex jikkonsulta ma l-avukat tieghu ghalkemm fl-istqarrija gie imnizzel li huwa nghata dan id-dritt;*

*11. Illi f'dawn l-istqarrijiet, r-rikorrenti kien assuma r-responsabilita tad-droga misjuba fir-residenza tieghu. Aparti dan r-rikorrenti kien ukoll ametta li hu kien ittraffika d-droga u dan fuq domandi diretti u persistenti ta' l-ispettur Bernard Charles Spiteri;*

***Dritt ta' l-avukat waqt l-istqarrija***

*12. Illi l-esponenti jikkontendi li l-mod kif ittiehdu l-istqarrijiet minn l-ispettur Bernard Charles Spiteri jiledu d-dritt tieghu li jkollu smiegh xieraq u dan kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3) (c) tal- Konvenzjoni Ewropeja;*

*13. Illi minhabba l-kundizzjoni medika li kellu u li ghandu r-rikorrenti huwa kellu jitqies bhala persuna vulnerabbli u l-ispettur tal-Pulizija ma setax jiehu l-istqarrijiet tar-rikorrenti jekk mhux fil-prezenza ta' l-avukat tal-fiducja tieghu;*

*14. Illi dan id-dritt ta' l-avukat gie estiz mill-gurisprudenza Ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dan iffisser li l-esponenti kellu dritt ghall-assistenza ta' l-avukat anke fl-istadju ta' l- interrogazzjoni u dan peress li huwa kellu jitqies bhala persuna innocenti sakemm hu ma jigiex misjub hati minn qorti gudizzjarja.*

*15. Ghalhekk huwa kellu d- dritt li ma jinkriminax ruhhu bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni.*

*16. Issewgwi ukoll li l-assitenza legali waqt l-interogazzjoni ghandha tinghata sabiex persuna suspetta li ghamlet reat, tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha aktar u aktar meta fissistema penali bhal taghna l-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju li ikun se jigi istitwit kontra taghha;*

*17. Illi tant huwa hekk li l-istqarrija ta' akkuzat tigi riferut ghaliha mill-Qrati taghna bhala l-prova regina;*

*18. Illi dan il-dritt jiehu xejra aktar importanti meta l-persuna interogatta tkun vulnerabbli minhabba l-istat mediku taghha u aktar*

*minn hekk meta r-reati li tkun mixlija bihom il-persuna interogatta ikun ta' natura serja;*

*19. Illi f'decizjoni recenti moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati il-principji generali li ghandhom jigu segwieti mill-qrati:*

*"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

*The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction, Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."*

*20. Illi tajjeb li jinghad ukoll li diga gie deciz mill-Qrati li huma ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. LImhallef Pinto De Albuquerque ghalimna li:*

*“the interpretation of Salduz by the Constitutional Court of Malta is in breach of the “constitutional instrument of European public order” and its “peremptory character”. .... Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of Salduz.”*

*21. Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz: –*

*“The Court reiterates the principles developed in its case-*law, *according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.).*

*Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016.1*

*While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver’s importance.”*

*22. Illi umilment l-esponenti jissottometti li fil-kaz partikolari tieghu huwa kellu jigi moghti l-fakulta li l-avukat tieghu ikun presenti waqt l-interogazzjoni tieghu u mhux jinghata biss dritt li jitkellem ma l-avukat tieghu qabel ittiehdet l-ewwel stqarrija u meta huwa kien ghadu gej minn hames sieghat kura minn l-isptar;*

*23. Illi l-fatt biss li l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan peress li ma hemmx disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata meta din il-persuna tkun wahda vulnerabbli, huwa bizzejjed sabiex jigi lez d-dritt ta' persuna arrestata ghal smiegh xieraq. Hekk kien gie deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, fejn nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul l- interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kienitx tippermettieha.*

*24. Tant huwa sagrosant dan il-jedd li gie estiz anke fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il- Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3) u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed. Il-Qorti kien ghalmet li:*

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre- trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into*

*custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."*

*25. Illi apparti dan fil-kaz issa celebri Salduz v. it-Turkija intqal:*

*'52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. ... ... ... human rights standards ... which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. ... ... ... 54. ... ... ... an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the*

*rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused…..'*

*26. Illi tant huwa pacifiku u serju dak li r-rikorrenti qieghed issostni li l-iżvilupp legali nostran event- walment qed jevolvi biex jigi jirrikonoxxut tali dritt u jigi sanzjonat leġislativament;*

*Ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq meta l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jigi imsemmi mill-pulzija*

*27. Illi bla pregudizzju ghal dan, jidher ukoll li f'dan il-kaz l-istqarrijiet tar-rikorrenti nghataw ukoll fisfond li jekk huwa jikkollabora mal-Pulizija huwa kien se jibbenefika minn l-artikolu 29 tal-Kap 101 u dan kif gie iddikjarat minn l-ispettur Bernard Charles Spiteri stess. Hija l-opinjoni ta' lesponenti li l-beneficcju li jaghti l-artikolu 29 ma kellux jigi spjegat minn l-ispettur Bernard Charles Spiteri u dan minhabba l-konsegwenzi legali kif ukoll naturali li jinstiga l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu;*

*Dayanan vs Turkey – 7377/03 deciza 13/10/2009*

*28. Illi stqarrija mehuda mhux fil-prezenza ta' l-avukat, minn ghand persuna vulnerabbli u wara li lispettur tal-pulziija ikun ghamel referenza esplicita ghall-beneficju li jaghti l-artikolu 29 zgur mhux forsi tmur kontra d-dritt ta' smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal- Konvenzjoni Ewropeja. Dan qieghed jinghad peress li kif gara f'dan il-kaz il-persuna suspetta tibda tara biss dak*

*li hi se tibbenefika a skapitu tad-dritt taghha li tibqa siekta u ma tinkriminax lilha inifisha b'dak li tghid;*

***Id-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija***

*29. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li intqal, d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti gew ukoll lezi stante li ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-ligi ta' kif ghandha tigi ezercitata d-diskrezzjoni li ghandu il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Generali li jiddecidu huma jekk l-Artikolu 29 f'kazijiet partikolari ghandhux japplika, jekk ghandux japplika fit-tnaqqis tal-piena bi grad jew jekk ghandux japplika fit-tnaqqis tal-piena b'zewg gradi;*

*30. Illi l-ligi ghandha almenu tindika kriterji specifici li fuqhom ghandhom japplikaw id-diskrezzjoni taghhom l-Avukat Generali kif ukoll l-Pulizija. Jekk jinghata beneficju bil-ligi, il-ligi ghandha tkun cara fuq kif ghandu japplika dan il-beneficcju u fl-liema cirkustanzi ghandu japplika dan il-beneficcju;*

*31. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti kien gie promess minn l-ispettur Bernad Charles Spiteri li jekk huwa jikkolabora mal-pulizija huwa kien se jehles hafif. Fil-verita ma kien se jehles xejn hafif u dan peress li l-ispettur Bernard Charles Spiteri approfitta mis-sitwazzjoni medika tar-rikorrenti u ottjena stqarrija fejn l-rikorrenti ammetta li kien jittraffika d-droga cannabis. L-ispettur Bernard Charles Spiteri kien ukoll ammetta fix-xhiedha tieghu li l-imputat kien ikkopera mieghu u li hu kien fissirlu wkoll l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101. Id-domanda tigi wehida! X'gieghel r-rikorrenti jikkollabora mal-pulizija u jinkrimina lilu inifsu?*

*32. Illi kif qeghda redatta l-ligi qieghda taghti lok ghall-abbuz u ghal sitwazzjonijiet fejn persuna interogatta bit-traffikar tad-droga tigi impoggija f'sitwazzjoni li tinkrimina lilha inifisha sabiex*

*tikkollabora mal-pulziija fuq promessa jew assunzjoni li piena se tkun wahda hafifa;*

*33. Illi tali disrezzjoni twassal ghal impatt sostanzjali fuq il-piena li f'certu kaz tkun anqas u f'certu kazijiet tkun aktar;*

*34. Illi ghalhekk din d-diskrezzjoni u fakulta unilaterali, tal-Avukat Generali u aktar tal-Kummissarju tal-Pulizija tilledi l-artiklu 6 u 7 tal-Konvenzjoni fuq riferita u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*35. Illi in sostenn tal-istess ir-rikorrenti jistrieh fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropea fl- ismijiet John Camilleri vs. Malta deciza fit-22 ta' Jannar, 2013 fejn f'siwazzjoni analoga ossija fejn l-Avukat General kellu diskrezzjoni assoluta sabiex jiddeciedi jekk persuna tigiex akkuzata quddiem ilQorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal jew quddiem il-Qorti Kriminali b'konsegwenza drastika fil-piena gie sintetikament stabiljiet fost affarijiet oħra, is-segwenti:*

*I. illi sa dak iż-żmien in diżamina l-ligi ma kienet tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward;*

*II. illi għalhekk il-liġi ma kienitx tipprovdi indikazzjoni preċiża tal-piena relattiva konnessa mar-reat de quo;*

*III. illi għalhekk ukoll l-Avukat Ġenerali ngħata diskrezzjoni assoluta biex jiddeċiedi liema tkun il-piena minima applikabbli fil-każ minnu hekk determinat;*

*IV. illi l- istess qorti affermat ukoll li tali operat hu għalhekk mhux biss suġġettiv, iżda hu wkoll arbitrarju u dan tenut kont tal-fatt li ma kien statutorjament stabbilit l-ebda kontroll fuq l-operat tal- Avukat Ġenerali fir-rigward;*

*36. Illi l-Qorti irritenit li:*

*'Hu principju tal-gustizzja fl-aktar ambitu wiesa' tagħha li diskrezzjoni amministrattiva għandha tkun ibbażata fuq ragunijiet pubblici soġġetti għal skrutinju indipendenti. In- nuqqas ta' tali skrutinju oggettiv imur kontra s-sovranità tad-dritt u jirriverti l-arlogg lura għar-rintroduzzjoni ta' sistema inkwizitorjali li f'Malta li ilha li giet konsenjata lill-istorja għal aktar minn seklu u nofs;*

*Dritt li l-imputat kellu jigi iggudikat minn Tribula Indipendenti w imparzjali*

*37. Illi l-esponenti jistrieh ukoll fuq il-kaz Mark James Taylor vs. United Kingdom deciz mill-istess Qorti Ewropeja fit-3 ta' Dicembru, 2002, id- decizjonijiet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fl- ismijiet Joseph Lebrun vs. Avukat Generali datata l-21 ta' Frar, 2014, u dik ta' Martin Dimech vs. Avukat Genera u jtenni li huwa gie mcahhad mid-dritt li jkun gudikat minn tribunal indipendenti w imparzjali kif sancit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni de quo u l-artiklu 6(1) talKonvenzjoni fuq riferita;*

*38. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:*

*1) Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikli 6 u 7 tal- Konvenzjoni fuq riferita u fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*2) Takkorda dawk ir-rimedji xierqa w effettivi fic-cirkostanzi fosthom l-isfilz ta' l-istqarrija tarrikorrenti mill-process kriminali salv kull provvediment xieraq u opportun li din lOnorabbli Qorti jidrilha tiehu.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, datata 25 ta' Ottubru 2016, (vide fol 11 et seqq.), li taqra hekk;

> *1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent m'għandux interess ġuridiku biex ikompli b'dawn il-proċeduri minħabba li r-rikorrent ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Istruttorja fis-16 ta' Ottubru 2013 (**Dok. AG 1**) u dan fil-preżenza tal-avukat tiegħu. Din l-istess ammissjoni reġa tenniha quddiem il-Qorti meta kien għal darboħra megħjun minn avukat skont kif jidher fil-verbal tal-14 ta' Mejju 2014 (**Dok. AG 2**);*
>
> *Appuntu f'dan il-każ jekk ir-rikorrent ried li jwaqqa' l-istqarrijijiet tiegħu minħabba li ma kienx f'qagħda ta' saħħa tajba biex jiġi interrogat jew li huwa wieġeb kif wieġeb fl-istqarrijiet tiegħu minħabba li l-Pulizija webblitu b'xi vantaġġi, allura r-rikorrent kellu ċ-ċans li jattakka dawk l-istqarrijiet quddiem il-Qrati Kriminali skont l-**artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan biex ma jingħadx ukoll li r-rikorrent kellu wkoll opportunità miftuħa għalih li jixhed fil-proċeduri kriminali biex jgħid li dak li ntqal fl-istqarrijiet mhux minnu jew li jressaq provi biex iwaqqa' dak li hemm imniżżel fl-istqarrijiet tiegħu. Issa jekk hu ma nqediex b'dawn is-soluzzjonijiet fil-mument opportun allura imputet sibi. Fi żgur mhuwiex xieraq li r-rikorrent jiftaħ dawn il-proċeduri kostituzzjonali biex jittanta jirranġa jew isewwi dak li m'għamilx fil-proċeduri kriminali;*
>
> *Għalhekk ladarba r-rikorrent ma attakkax l-istqarrijiet tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali u anzi rreġistra dikjarazzjoni ta' ħtija huwa inutli li wieħed joqgħod jidħol fuq l-ilmenti tiegħu dwar il-mod ta' kif ittieħdu l-istqarrijiet tiegħu. Tabilħaqq ir-rikorrent ma hu sejjer jikseb l-ebda riżultat vantaġġjuż b'dawn il-proċeduri;*

*2. Illi dejjem b'xejra preliminari, l-esponent ma jistax ma jikkummentax ukoll li kif jidher mill-verbali tal-Qorti Kriminali (**Dok. AG 3**), sakemm tressqet din il-kawża kostituzzjonali r-rikorrent qatt ma pproklama lilu nnifsu bħala innoċenti, qatt ma qanqal xi kwistjoni dwar is-siwi tal-istqarrijiet tiegħu (**Dok. AG 4** u **5**) u qatt ma qajjem xi punt ta' indoli kostituzzjonali. Anzi jirriżulta li r-rikorrent baqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu ta' persuna ħatja kif hekk għadu sallum il-ġurnata u f'xi żmien kien anke għaddej fi trattattivi mal-prosekuzzjoni biex jipprova jaqbel fuq il-piena. Fuq talba tar-rikorrent sar ukoll pre-sentencing report (**Dok. AG 6**) u anke tħalla jressaq ix-xhieda kollha li ried biex dawn jitqiesu meta l-Qorti tiġi biex tinfliġġi piena. Kien biss wara li sar dan ix-xogħol kollu u wara li l-każ kriminali tħalla għat-trattazzjoni fuq il-piena li ġie mressaq dan ir-rikors kostituzzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din mhijiex imġieba xierqa u matura u ddgħajjef mhux ftit is-serjetà u s-siwi tal-ilmenti tar-rikorrent;*

*3. Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, l-esponent jemmen li dan huwa għalkollox bikri peress li l-proċeduri kriminali kontrih għandhom ma ngħalqux. S'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi ir-rikorrent sejjer jiġi żvantaġġjat waqt is-smigħ kriminali tiegħu. Għal dak li jiswa jista' jagħti l-każ li l-Qorti Kriminali meta tiġi biex tikteb is-sentenza tagħha tinjora għalkollox l-istqarrijiet tiegħu u allura l-ilmenti tar-rikorrent f'dan ir-rigward imutu waħidhom;*

*Tassew f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati in vacuo. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Bħala regola,*

*biex wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza;*

*4. Illi mżewweġ ma' dan, hemm il-fatt l-ieħor sew magħruf fid-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali li azzjoni bħal din għandha titressaq kemm jista' jkun wara li jintużaw ir-rimedji ordinarji kollha. F'dan is-sens, ma hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent, li waqt it-trattazzjoni tal-każ kriminali, jitlob lill-Qorti Kriminali biex fil-ġudizzju finali tagħha twarrab jew ma tqisx l-istqarriji inkwistjoni jekk skont hu dawn ittieħdu bi ksur tal-liġi jew b'mod li kienu ta' ħsara għalih;*

*Tabilħaqq mhuwiex xogħol ta' din l-Onorabbli Qorti li toqgħod tiddeċiedi fuq ħwejjeġ li jistgħu jiġi deċiżi mill-qorti ordinarja kompetenti. Kif ingħad f'bosta sentenzi kostituzzjonali, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant fil-qrati kriminali li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq (ara* ***Emmanuel sive Leli Camilleri vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** *mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru 2000);*

*Qajla hemm bżonn illi jingħad, il-Qorti Kriminali għandha tingħata fiduċja li sejra twettaq xogħlha u taqta' l-kawża skont il-liġi u l-ħaqq. Ħalli mbagħad jekk ir-rikorrent xorta jħoss li l-proċess ma mexiex skont il-liġi jressaq l-ilment kostituzzjonali tiegħu meta kollox jintemm (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu* ***Martin Dimech vs. Malta*** *maqtugħa fit-2 t'April 2015 u* ***Tyrone Fenech u Amanda Agius vs. Malta*** *deċiża fil-5 ta' Jannar 2016 li inċidentalment kienu jmissu ma' ilmenti dwar l-istqarrija);*

*Għalhekk ġaladarba l-ilmenti tar-rikorrent dwar il-kontenut tal-istqarrijiet tiegħu jistgħu jiġu mistħarrġa mill-Qorti Kriminali ma jinħassx li hemm il-ħtieġa biex għalissa din l-Onorabbli Qorti tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha fid-dawl tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u tal-proviso tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huwa aktar għaqli li l-proċess kriminali jitħalla miexi mingħajr xkiel għaliex jista' jkun li wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali jekk ikun il-każ, ir-rikorrent ikun kuntent bl-eżitu tal-proċeduri kriminali;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess safejn it-talbiet tar-rikorrent jinsabu imsejsa fuq l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni**, huwa evidenti għall-aħħar li dawn huma intempestivi wkoll. Huwa miżmum kemm fil-ġurisprudenza Maltija kif ukoll f'dik Ewropea li l-prinċipji tan-nullum crimen sine lege u tan-nulla poena sine lege jistgħu jiġu mqanqla biss wara li jkun hemm sentenza finali. Għalhekk ladarba fil-każ tallum, ir-rikorrent għadu ma weħilx piena huwa ma jistax jitqies ruħu bħala vittma ta' vjolazzjoni tal-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni**;*

*6. Illi subordinatament mingħajr preġudizzju għal dak fuq espost, l-esponenti jiċħdu li l-istqarrijiet tar-rikorrent ttieħdu bi ksur tal-**artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea**. Ibda biex fiż-żmien meta r-rikorrent ġie interrogat ma kien hemm l-ebda ristrezzjoni sistematika fil-liġi Maltija fejn jidħol il-jedd għall-assistenza legali. Kemm hu hekk, qabel ma ttieħdu l-istqarrijiet inkwistjoni r-rikorrenti ngħata d-dritt li jieħu parir minn avukat kif jiddisponi l-**artikolu 355AT tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** u fil-fatt jirriżulta li huwa eżerċita tali jedd għaliex kellem avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizja. Għalhekk is-sentenzi barranija indikati mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu inkluż dik ta' **Mario Borg vs. Malta** ma jsibux applikazzjoni fil-każ tallum;*

7. *Illi fil-każ tagħna r-rikorrent ma jistax jgħid li huwa daħal għall-interrogazzjoni fl-għama jew mingħajr għarfien tad-drittijiet tiegħu għaliex bħala stat ta' fatt huwa ngħata l-fakultà li jieħu parir mingħand avukat tal-għażla tiegħu qabel ma kellmuh il-Pulizija. Ifisser dan li r-rikorrent kellu l-jedd għall-konsultazzjoni legali anke fl-istadju li ġie qabel ma tressaq il-qorti u b'hekk huwa kellu kull ċans li jħejji ruħu għall-interrogazzjoni;*

8. *Illi d-dritt tar-rikorrent li ma jinkriminax ruħu dejjem ġie mħares, tant li meta saritlu t-twissija mill-Pulziija huwa ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket. Ħadd ma ġiegħel lir-rikorrent jagħmel xi stqarrijiet, b'dana li jekk ried, huwa seta' ddeċieda li ma jagħti l-ebda tagħrif lill-Pulizija, speċjalment jekk kif qed jgħid ir-rikorrent issa, huwa ma kienx f'qagħda fiżika li jissottometti ruħu għall-interrogazzjoni. Madankollu darba li r-rikorrent, wara li ħa parir legali, għoġbu jagħti dawk l-istqarrijiet u premess li dawk l-istqarrijiet jgħidu s-sewwa u lanqas ġew iritirati anzi ġew sostanzjati b'ammissjonijiet volontarji quddiem il-Qorti, mhuwiex xieraq li issa r-rikorrent jipprova jinqeda b'dawn il-proċeduri biex jipprova jħassar l-istqarrijiet li huwa stess għażel li jagħti b'mod ħieles wara li saħanistra kellem avukat minn qabel;*

9. *Illi għalkemm ir-rikorrent qed jgħid li hu kien milqut minn kundizzjoni li teħtieġlu jmur l-isptar b'mod regolari, b'danakollu din il-kundizzjoni mhijiex xi waħda li ma tħallihx f'sensieh, li tħawwdu jew li b'xi mod ieħor kienet iżżommu milli joqgħod għall-interrogazzjoni. Jiġi allura li r-rikorrent ma jistax jgħid li huwa kien xi persuna vunnerabbli meta għoġbu jagħti dawk l-istqarrijiet, bħalma lanqas ma kien hemm bżonn li jkun hemm avukat preżenti waqt l-istess interrogazzjoni;*

10. *Illi stabbilit li f'dan il-każ ir-rikorrent ingħata d-dritt li jieħu parir mingħand avukat biex b'hekk ikun jaf bid-drittijiet tiegħu qabel issirlu l-interrogazzjoni u stabbilit ukoll li r-rikorrent kien mgħarraf*

*bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket, allura l-ilment tiegħu dwar in-nuqqas ta' avukat fil-mument tal-istqarrija għandu jaqa' minnufih;*

*11.Illi fuq it-tieni ilment tar-rikorrent, l-esponenti ma jistgħux jaraw b'liema mod seta' ġie mxellef il-jedd tas-smigħ xieraq tar-rikorrent minħabba s-sempliċi raġuni li waqt l-interrogazzjoni seta' ssemma d-dispost tal-**artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** min-naħa tal-Pulizija. Imbilli l-Pulizija setgħu taw tagħrif lir-rikorrent dwar xi tgħid il-liġi jekk persuna ħatja tgħin lil Pulizija biex taqbad il-persuna li tkun provdiet il-mediċina illeċita, ma jfissirx b'daqshekk li r-rikorrent ġie mċaħħad mill-jedd tiegħu li jiddefendi ruħu jew li b'xi mod ġiet mittiefsa l-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu;*

*Ma hemm xejn ħażin li jmur kontra l-jedd ta' smigħ xieraq li Pulizija tgħarraf lill-persuni interogati dwar dak li hemm miktub fil-liġi. Anzi huwa fid-dmir tal-Pulizija li tagħraf lill-interrogat b'dan il-fatt. Għalhekk anke dan l-ilment ma jistħoqqlux li jiġi milqugħ;*

*12.Illi t-tielet ilment tar-rikorrent dwar id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u l-Pulizija fl-applikazzjoni tal-**artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa barra minn loku. Il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma jistgħu jgħaddu l-ebda ġudizzju taħt l-**artikolu 29** għaliex hija l-qorti kriminali biss li fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi dwar jekk għandux ikun hemm tnaqqis fil-piena jew le. Ifisser li r-rikorrent mhux korrett meta jagħti l-impressjoni li l-prosekuzzjoni tgawdi minn xi diskrezzjoni dwar kif jitħaddem dan l-artikolu. L-applikazzjoni jew le tal-**artikolu 29** ma jiddependix minn diskrezzjoni iżda tiddependi minn fatti konkreti – fis-sens illi jew bħala stat ta' fatt jirriżulta li l-ħati għen lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu provdewlu l-mediċina jew inkella ma għenx;*

*F'dan is-sens ukoll ir-rikorrent mhuwiex siewi meta jipprova jagħti x'jifhem li xi Spettur wegħdu li jieħu piena ħafifa jekk kemm –il darba jikkollabora mal-Pulizija għaliex kif ingħad il-quantum tal-*

*piena taqa' fil-kompetenza assoluta tal-Qorti u mhux tal-prosekuzzjoni;*

*13.Illi jekk mill-banda l-oħra l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-għażla li għandha l-prosekuzzjoni dwar jekk għandhiex tirreġistra dikjarazzjoni quddiem il-Qorti favur il-ħati jew le, f'dan il-każ m'għandniex din il-problema għaliex l-Avukat Ġenerali għamel din id-dikjarazzjoni favur ir-rikorrent waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2016 (**Dok. AG3**);*

*14.Illi mill-punt purament akkademiku anke li kieku ma saritx din id-dikjarazzjoni, persuna ħatja li tkun għenet lill-Pulizija taqbad il-fornitur tad-droga m'għandhiex għalfejn toqgħod tħabbel rasha jekk il-prosekuzzjoni tonqos milli tagħmel id-dikjarazzjoni skont l-**artikolu 29** għaliex il-liġi tagħti l-jedd ukoll lill-persuna misjuba ħatja li titlob hija stess għat-tnaqqis tal-piena u dan jekk turi għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li hija tassew għenet lill-pulizija taqbad lil min kien prokuralha l-mediċina illeċita u perikoluża. F'dan ir-rigward għalhekk ir-rikorrent ma jgħidx sew li l-applikazzjoni jew le tal-**artikolu 29** jiddependi unilateralment mill-prosekuzzjoni għaliex l-istess benefiċċju jista' jiġi invokat anke mid-difiża stess. Barra minn hekk fl-aħħar mill-aħħar il-kwantum tal-piena huwa mħolli f'idejn il-Qorti;*

*15.Illi r-rikorrent lanqas m'għandu raġun jgħid li l-liġi ma tfissirx iċ-ċirkostanzi ta' meta jista' jitħaddem il-benefiċċju imsemmi fl-**artikolu 29**. Anzi l-liġi tagħmilha ċara biżżejjed li l-persuna ħatja għandha dritt li tiġi mnaqqsa lilha l-piena jekk kemm-il darba jintwera li din għenet lill-Pulizija taqbad lill-persuna li jkun għaddielha d-droga. Għalhekk il-benefiċċju tat-temperament fil-piena huwa marbut ma' kriterju wieħed oġġettiv u prevedibbli, dak tat-tismija tal-persuna li jkun ipprokura d-droga;*

*Minn din il-perspettiva r-riferenza tar-rikorrent għas-sentenza* **Camilleri vs. Malta** *ma hija ta' ebda fejda għalih mhux biss għaliex dak il-każ kien jikkonċerna artikolu tal-liġi differenti minn dak inkwistjoni imma anke għaliex f'dan il-każ il-kriterji tal-benefiċċju msemmija fl-***artikolu 29** *huma ċari u prevedibbli;*

*16.Illi multo magis b'riferenza għall-paragrafu 31 tar-rikors kostituzzjonali, l-esponent ma jarax kif l-istqarrija dwar l-implikazzjoni tiegħu fit-traffikar tad-droga b'xi mod tidħol fl-***artikolu 29***. Dan l-artikolu ma jgħoddx meta hemm konfessjoni imma japplika meta jingħata tagħrif jew assistenza li permezz tagħha jinqabad il-persuna li mingħandha tkun inġiebet id-droga;*

*17.Illi magħdud ma' dan, l-esponenti jiċħdu li l-Ispettur Spiteri semma l-***artikolu 29** *sabiex b'xi mod iġiegħel jew iħajjar lir-rikorrent jammetti xi ħtija. Dan għaliex dan l-artikolu ma jipprovdi l-ebda tnaqqis fil-piena f'każ ta' ammissjoni. Tabilħaqq jekk ir-rikorrent ammetta dan għamlu bir-rieda ħielsa tiegħu u bid-dehen sħiħ tal-konsegwenzi kollha li ġġib magħha dik il-konfessjoni. Jiġi b'hekk li anke dan l-ilment mhuwiex ġustifikat u għandu jiġi skartat;*

*18.Illi dwar l-aħħar ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali, l-esponenti frankament jgħidu li dan ma jinftehimx u lanqas ma ġie mfisser. Biżżejjed jingħad li fejn jikkonċerna s-sejbien ta' ħtija, kien ir-rikorrent stess li bl-ammissjoni tiegħu quddiem il-Qorti għal darba darbtejn ikkunddanna lilu nnifsu. Hekk kif tgħid il-massima Latina,* **confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur,** *li tradott għall-Malti jfisser, li min jammetti l-ħtija tiegħu quddiem qorti, huwa stess ikun qiegħed jikkundanna lilu nnifsu u fl-istess waqt jiddetta s-sentenza tiegħu;*

*F'kull każ is-sentenza finali sejra tingħata mill-Qorti Kriminali li żgur ma hemmx dubju li din hija qorti indipendenti u imparzjali kif*

*iridu l-**Kostituzzjoni** u l-**Konvenzjoni Ewropea**. Għalhekk l-esponenti ma jarawx kif l-allegazzjoni tiegħu ta' nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità tista' treġi;*

*19.Illi fuq ix-xaqliba 'l-oħra jekk f'dan l-ilment ir-rikorrent irid ifiehem li hija l-prosekuzzjoni stess li mhijiex indipendenti u imparzjali allura l-ilment huwa wieħed għalkollox fieragħ minħabba li l-**artikoli tal-Kostituzzjoni** u tal-**Konvenzjoni Ewropea** ma jgħoddux għall-prosekuzzjoni iżda jgħoddu biss għal qorti jew tribunal;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrent Christopher Bartolo** xehed a fol 66 *et seq* illi meta kien gie arrestat mill-pulizija kien ghadu hiereg mill-isptar wara hames sieghat *dialysis*, li kienet bdiet fis-6am u spiccat fin-12.30, u kien sab il-pulizija d-dar jistennewh. Spjega illi dak il-hin hu kien ghajjien hafna u kien sturdut. Kien bil-guh u bil-ghatx u kellu bzonn jigi f'tieghu. Kompla li kellhu bzonn id-*dialysis* ghaliex kienu waqfu jahdmulu l-kliewi. Zied li dak iz-zmien kien ukoll ghaddej minn depressjoni peress li kienet ghadha kif mietet ohtu minhabba kancer fil-mohh. Kien kostrett jmur joqghod Ghawdex peress li ma kienx jista' jhallas kera u jhalli wiehed minn uliedu warajh. Apparti dan kollu kien ghadu kif ghamel tliet operazzjonijiet b'soggorn ta xahar l-isptar biex jirkurpra mill-operazzjonijiet. Zied illi *dialysis* kien ikollu jaghmel darba iva u darba le, pero llum il-gurnata m'ghadux jaghmel *dialysis*

peress illi ghandu *transplant*, u ghalhekk jehtieg minflok li jiehu kura medika u jmur ghal *follow up* l-isptar darba fix-xahar.

Xehed illi d-dar tieghu l-pulizija sabu l-haxixa u minn hemm haduh l-ghassa fejn gabulu lil Avukat Dr. Joshua Grech li tah parir biex ma jghid xejn waqt l-interrogatorju. Spjega li waqt l-interogatorju kien hemm sitt pulizija, u dak il-hin hu kien ghajjien hafna u kien ghadu ma kiel u xorob xejn. Kompla li hu qatt ma kien arrestat qabel u ghalhekk minhabba dawn ic-cirkostanzi kollha mohhu ma kienx hemm. Qal ukoll li l-Ispettur beda jsemmilu l-Artikolu 29, li ma kienx jaf bih qabel, u jghidlu li bih jehlisha hafif u ghalhekk beda jitkellem, izda ma jiftakarx x'qal peress li beda jhawwad fil-kliem, u llum il-gurnata ma jaqbilx ma dak li hemm fl-istqarrija. Xehed ukoll li hass li l-pulizija kienu qed jghadduh biz-zufjett billi bdew jimplikaw li kien qed imur il-Gzira ghall-prostituzzjoni meta qalilhom li kien mar il-Gzira jixtri l-haxixa. Qal illi l-interrogatorju spicca ghal xi t-tmienja ta' fil-ghaxija u meta staqsihom biex jiekol qalulu li huma m'ghandhom xejn u jrid icempel id-dar biex xi hadd igiblu l-ikel. Ghalhekk kellu jsaqsi lil xi hadd biex icempel lit-tfajla tieghu u kien kostrett jistenna sad-9 pm biex jiekol u jixrob, ghaliex kien inghata biss te l-isptar. Spjega li l-Ispettur kien jaf bil-kondizzjoni tieghu ghaliex x'hin kien wasal id-dar kien staqsewh minn fejn gej u kien qalilhom bis-sitwazzjoni tieghu. Qal ukoll illi l-ghada rega gie interrogat mill-pulizija, izda din id-darba ma nghatax l-opportunita li jkellem avukat.

**In kontro-ezami** a fol 182 *et seq* xehed illi dakinhar li gie arrestat l-isptar kien mar bil-mixi mill-Fontana.

**L-Ispettur Bernard John Spiteri** xehed a fol 95 *et seq* illi l-pulizija tas-CID kellhom xi informazzjoni li r-rikorrent kien qed jitraffika d-droga u ghalhekk fil-31 ta' Mejju kienu waqqfu lit-tfajla tieghu l-Imgarr u marru maghha r-residenza taghhom. Spjega li t-tfajla tar-rikorrent kienet cemplitlu u meta wasal saret tfittxija fejn kienu nstabu diversi blokok ta' kannabis. Xehed li ma jafx ezatt meta l-pulizija ghamlu l-ewwel kuntatt mar-rikorrent, pero kien bejn is-siegha u s-saghtejn ta' wara nofsinhar. Qal li fl-istqarrijiet tieghu, r-rikorrent ikkopera mal-pulizija u ammetta li gieli kien biegh xi haga tad-droga u kien anke indika minghand min. Rigward il-pulizija prezenti waqt li saret l-interrogazzjoni, xehed illi l-pulizija

kienu dawk mnizzla fuq l-istqarrija. Xehed illi din kienet l-ewwel darba li ltaqa mar-rikorrent u li kien sar jaf bic-cirkostanzi medici tieghu dakinhar li gie arrestat. Spjega li r-rikorrent kien qalilhom li jmur l-isptar u li jaghmel *dialysis,* izda ma ftakarx jekk qallux li dakinhar kien ghadu kif gej mill-isptar. Xehed illi huwa kien informa lir-rikorrent bid-dritt tieghu li jikkonsulta ma' avukat u li filfatt kien kellem lil Dr. Joshua Grech qabel ma gie interrogat izda l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju. Ikkonferma illi r-rikorrent ma nghatax l-opportunita li jerga jkellem lill-avukat tieghu qabel ma rrilaxxa t-tieni stqarrija.

Xehed illi r-rikorrent ma lmentax li kien ghajjien u li ikel u xorb jinghata lil min ikun arrestat mill-pulizija tal-*lock up*, pero ma ftakarx jekk ir-rikorrent kienx talabhom xi haga x'jiekol jew x'jixrob.

**In kontro-ezami** a fol 101 *et seq* xehed illi huwa ma nnotax li r-rikorrent kien mugugh waqt l-interrogazzjoni, u r-rikorrent ma ghamel ebda lment. Rigward l-Artikolu 29 xehed illi l-prassi hija li l-pulizija dejjem jinformaw lil persuna li jkunu qed jinvestigaw li jekk taghtihom informazzjoni preciza li tghin lill-pulizija f'investigazzjoni ohra, l-pulizija jinformaw lil Qorti biex jigi applikat l-Artikolu 29 u l-persuna tibbenefika minn tnaqqis fil-piena. Innega li kien hemm xi hadd li ghadda xi rimarka ghaliex ir-rikorrent qal li kien xtara d-droga mill-Gzira. Ikkonferma li mill-informazzjoni li tahom, ir-rikorrent il-pulizija kienu ghamlu investigazzjoni kontra persuna ohra u llum il-gurnata hemm proceduri l-Qorti kontra din it-terza persuna.

**In re-ezami** a fol 105 *et seq* kkonferma illi quddiem il-Qorti Kriminali m'ghamilx dikjarazzjoni li r-rikorrent jibbenefika mill-Artikolu 29, izda kien indika li l-informazzjoni illi kien ta kienet wasslet lil pulizija biex tiehu azzjoni kontra persuna ohra, u kien ukoll informa lil Avukat Generali li fl-opinjoni tieghu r-rikorrent ghadnu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-Artikolu 29.

**PS 1427 Oliver Micallef** xehed a fol 107 *et seq* illi l-ewwel darba li ra lir-rikorrent kien waqt it-tieni stqarrija. Spjega li l-Ispettur Bartolo kien cempillu ghaliex kellu bzonn xhud ta' stqarrija u kien qallu li r-rikorrent kien diga inghata d-dritt li jiehu parir legali u li filfatt kien diga kellem avukat il-gurnata ta' qabel. Ikkonferma li

ghat-tieni stqarrija tieghu, r-rikorrent ma nghatax assistenza ta' avukat. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar ic-cirkostanzi medici tar-rikorrent wiegeb fin-negattiv, u spjega li dawn l-affarijiet jiehdu hsiebhom il-personnel tal-*lock up.* Xehed illi ma jiftakarx li kien saru xi mistqosijiet lir-rikorrent dwar il-kondizzjoni medika tieghu u li r-rikorrent kien jidher sewwa.

**Nicholas Briffa** xehed a fol 126 *et seq* illi huwa psikologu u r-rikorrent kien ilu pazjent tieghu ghal ftit aktar minn sena. Spjega illi r-rikorrent ghandu komplikazzjonijiet medici li tikkawza perturbanza psikologa. Xehed ili fl-opinjoni tieghu, r-rikorrent huwa persuna vulnerabbli, anke ghaliex il-kondizzjoni medika tieghu tikkawza ugiegh partikolari, u dan apparti li qabel it-trapjant, kien ikollu jqatta sieghat twal kull gimgha jaghmel *d-dialysis.* Qal ukoll illi huwa wasal ghad-dijanjosi tieghu illi r-rikorrent ibghati minn depressjoni u ansjeta wara li ghamel testijiet psikometrici biex jasal ghal konkluzjoni klinika. Xehed illi fl-opinjoni tieghu, wara l-ezamijiet li ghamel, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli u li waqt interogazzjoni jwiegeb domandi skont kif jigi dirett mill-interrogatur. Enfasizza illi r-rikorrent huwa persuna vulnerabbli hafna, kemm minhabba l-kondizzjoni medika fizika tieghu kif ukoll minhabba d-depressjoni.

**Carmen Nygaard** xehdet a fol 130 *et seq* illi hija Senior Probation Officer u saret taf lir-rikorrent peress li giet appuntata mill-Qorti Kriminali sabiex taghmel *pre-sentencing report,* li gie pprezentat il-Qorti fi Frar 2016. Spjegat li wara li tkellmet mat-tabib tar-rikorrent, irrizulta li r-rikorrent kien mugugh hafna minhabba l-kondizzjoni medika tieghu, fattur li influenzah ukoll psikologikament, u kien ghalhekk li beda juza l-kannabis. Xehdet ukoll illi r-rikorrent ma kellux kawzi kriminali precedenti salv ghal zewg kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mat-taxxa ghaliex meta marad ma kienx baghat it-*tax returns* u ghalhekk wehel xi multi.

**In kontro-ezami** a fol 132 *et seq* xehdet illi t-tabib tar-rikorrent kien jaf li r-rikorrent kien qed juza l-kannabis minhabba li kellhu hafna komplikazzjonijiet kagun tal-kondizzjoni medika tieghu, tant illi l-movimenti tieghu ma setghax jikkontrolhom sew apparti li kellu hafna ugiegh. Xehdet illi maghha rega ammetta l-akkuzi li tressqu kontrih. Xehed illi hija vverifikat li r-rikorrent ghandu depressjoni mal-psikologu Dr. Briffa u anke mat-tabib mediku tar-rikorrent. Qalet

ukoll illi meta kienet tkellmu kien jidher lucidu, pero enfasizzat li hi bdiet tara lir-rikorrent meta l-kondizzjoni medika tieghu kienet stabbli wara t-trapjant. Ziedet li hi ma tafx jekk kellux problemi ta' lucidita meta beda jigi investigat ghaliex dan ma kienx parti mill-kompitu taghha. Finalment qalet illi peress li minhabba l-akkuza ta' traffikar ta' droga bilfors irid jinghata piena karcerarja, hija ssuggeriet li jinghata piena karcerarja fil-minimu taghha.

**PC 138 Joseph Portelli** xehed a fol 135 *et seq* illi fil-31 ta' Mejju 2013 huwa kien xhud tal-istqarrija tar-rikorrent li rrilaxxa wara li nghata s-solitu twissija u wara li kkonsulta ma' Dr. Joshua Grech. Xehed li r-rikorrent kien qalilhom li kien ecitat ghaliex kien jaf li ghandu kaz ta' habs u li kellu kondizzjoni medika, ghalkemm ma ftakarx jekk ir-rikorrent kienx ghadu kif gie lura mill-isptar. Ikkonferma li r-rikorrent ma kellux avukat jassistieh waqt it-tehid tal-istqarrija ghaliex fl-2013 din ma kienetx il-procedura stabbilita.

**In kontro-ezami** a fol 136 *et seq* xehed illi r-rikorrent fl-ebda hin ma qalilhom li ma kienx qed jifhem u li hadd ma ghaddieh biz-zufjett.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezjoni, l-intimati eccepew illi r-rikorrent m'ghandhux l-interess guridiku rikjest sabiex iressaq din l-azzjoni u dan peress illi huwa ghazel li jammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu, li ghalhekk ifisser li din l-azzjoni m'ghandha l-ebda utilita ghaliex anke jekk jigu sfilzati l-istqarrijiet tieghu, il-posizzjoni tieghu xorta wahda ha tibqa' l-istess minhabba li huwa minn jeddu ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontrih.

L-intimati eccepew ukoll, permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom, illi l-fatt li r-rikorrent ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu, talab li jigi redatt *pre-sentencing*

*report* u ppattegja dwar il-piena, idghajjef serjament is-serjeta u s-siwi tal-ilment tieghu.

Il-Qorti pero ma taqbilx ma' dawn l-argumenti tal-intimati. Meta r-rikorrent ammetta l-akkuzi migjuba kontrih quddiem il-Qorti, hu kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn in atti kien diga hemm il-konfessjoni li huwa ta lil pulizija fil-istqarrijiet impunjati f'dawn il-proceduri. Ghalhekk f'dak il-mument ir-rikorrent kellha zewg opzjonijiet:

1. Jiddikjara li mhux hati, fi process fejn bhala prova kontra tieghu kienet ser tintuza konfessjoni li huwa kien ta lil pulizija, u fi process li skont il-ligi, fil-kaz ta' sejbien ta' htija seta' jwassal ghal imposizzjoni ta' piena karcerja severa;
2. Jew, in vista tal-istqarrijiet li huwa ta lil pulizija, jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu, biex b'hekk ikun f'posizzjoni li jippattegja dwar il-piena, u forsi jehel piena anqas severa.

Meta wiehed iqis x'kienet l-ghazla li kellu quddiemu r-rikorrent, f'mument fejn kien kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat waqt li kien qed jissielet ma' kondizzjoni medika severa u terminali, huwa facli jifhem il-ghaliex ghazel li jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti zgur ma tistghax tqis illi dan it-tip ta' *Hobson's choice* jista' jissarraf f'ghazla libera ghar-rikorrent sabiex jammetta l-akkuzi kontra tieghu. Hu proprju ghal din ir-raguni li skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tal-*pre-trial,* twassal sabiex id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraaq ikun ***irretrievably prejudiced.*** Ikkonsidrat illi l-konfessjoni li ta lil pulizija necessarjament ghandha rwol centrali fl-ghazla tieghu li jammetti, minhabba r-riperkussjonijiet reali u severi li seta' jkollha din il-konfessjoni, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti Kriminali u l-istqarrijiet li huwa rrilaxxa lil pulizija huma intrinsikament konnessi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tirrileva illi hija ghandha l-poter li taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhirlha xierqa, inkluz li tivvaka l-ammissjoni tar-rikorrent, fil-kaz li ssib li l-ilmenti tar-rikorrent huma fondati. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa car illi din l-eccezzjoni tal-intimati m'ghandhiex mis-sewwa, u dan ghaliex n-nuqqas ta'

utilita li qed jirravizaw l-intimati, tista' facilment tigi rimedjati minn din il-Qorti stess, f'din is-sentenza, jekk ikun il-kaz.

Ghalhekk l-ewwel u t-tieni eccezzjoni qed jigu michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tielet u r-raba' eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew illi safejn l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, din l-azzjoni hija ntempestiva peress li l-proceduri kriminali kontra tieghu ghandhom ma ntemmux, inoltre li r-rikorrent m'ghamilx uzu mir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih, u li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghadhom pendenti u ghalhekk ghad hemm cans li jkun hemm ezitu li r-rikorrent ikun kuntent bih.

Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni, il-Qorti tirrileva illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg li giet abbracjata u applikata mill-Qrati Maltin, restrizzjonijiet fid-dritt ghal avukat waqt il-perjodu ta' *pre-trial* jikkawzaw *irretrievable prejudice* lid-dritt ta' individwu ghal smiegh xieraq. Ghalhekk f'dan ir-rigward ma jistghax jinghad illi l-azzjoni hija bikrija ghaliex l-ilment irid jigi ezaminat fuq l-assjem tal-procedura, u dan peress illi skont il-gurisprudenza, restrizzjoni mhux gustifikata tad-dritt ta' individwu ghall- assistenza legali fil-fazi *pre trial* wahedha, hija bizzejjed sabiex twassal ghal ksur tad-dritt ta' individwu ghal smiegh xieraq, indipendentement mill-bqija tal-proceduri.

Fir-rigward tar-raba' eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Briegel Micallef vs L-Avukat Generali** deciza minn din i-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Frar 2017 fejn intqal illi:

> "*…f'każijiet ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-azzjoni trid tgħaddi wkoll minn għarbiel ieħor ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni bħal din ukoll tista' titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dan. Fil-każ li għandna quddiemna, il-fatt waħdu li l-*

*intimat eċċipjenti jorbot l-intempestivita' mal-kawża li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jġibx li din il-kawża tressqet qabel waqtha, u l-eżami li trid tagħmel il-Qorti irid jagħti riżultati aqwa mis-sempliċi kostatazzjoni ta' proċeduri oħrajn pendenti quddiem qrati oħra.*"

Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha ghar-raguni li seta` kien hemm rimedji ordinarji:

" *...ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz.*"[1]

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza **"Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent" il-Qorti Kostituzzjonali** qalet :-

*Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq"*

1David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku, Qorti Kostituzzjonali (14 ta' Mejju 2004).

> *("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli.*

Is-sentenza citata aktar il-fuq fl-ismijiet **Briegel Micallef vs L-Avukat Generali** gew indikati is-segwenti principji bhala dawk li skont il-gurisprudenza ghandhom iwasslu lil Qorti ta' indoli kostituzzjonali biex tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha:

> "*(a)meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment*

*tar-rikorrent - minħabba l-imġieba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smiegħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smiegħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali.*"

Fil-kaz odjern il-Qorti rat illi parti sostanzjali mill-ilment tar-rikorrent jirrigwarda il-fatt illi l-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legal **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indagni li trid taghmel ixxaqleb izjed lejn kwestjoni kostituzzjonali, ghaliex il-Qorti trid tiddetermina jekk, il-legislazzjoni ta' dak iz-zmien, kienetx leziva jew le tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Il-Qorti tqis ukoll illi galadarba kienet il-ligi stess illi ma kienetx tippermetti li r-rikorrent kollu l-assistenza ta' avukat **waqt** l-interrogazzjoni, ir-rikorrent ma kellu l-ebda rimedju ordinarju li seta' jirrikorri ghalih, u dan peress illi huma biss il-Qrati ta' gurisidizzjoni kostituzzjonali, u mhux il-Qrati ordinarji, li jistu' jiddeterminaw il-validita kostituzzjonali ta' ligijet u jaghtu rimedji effetivi fil-kaz li jikkonkludu illi l-ligi minnhm ezaminata tilledi d-drittijiet fondamentali garantiti permezz tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni.

Ghalhekk it-tielet u r-raba' eccezzjoni qieghdin ukoll jigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fil-meritu, l-ilment tar-rikorrent a bazi tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea jirrigwarda s-segwenti tliet konsiderazzjonijiet:

1. In-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interogazzjoni;
2. Il-fatt illi r-rikorrent ma regghax thalli jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel it-tieni interrogazzjoni;
3. Ksur tad-dritt tieghu ghal tribunal indipendeni u mparzjali.

**Rigward id-dritt ghal assistenza legali**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar-rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s-sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.

Il-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti **waqt** it-tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur. **M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Panovits v. Cyprus** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi:

> "*…the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given*

> *the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings***."

Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Dayanan v. Turkey** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:

> "*In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law*, ***an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention*."

Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' **Salduz** b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl-ismijiet **Brusco v. France** deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt

l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:

"*L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention*."

Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Navone and others v. Monaco** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni[2], **kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq:**

"*Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

(…)

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de*

[2] Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien.

*l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories.*"

Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis** fejn intqal illi:

"…***jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.*** *F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor.*"

Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il-garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni.

M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni **kien hemm restrizzjoni sistematika** li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.

Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir-rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal-interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat *dialysis,* fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat *dialysis*. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda *record* tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir-rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat *dialysis* u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil-kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat *dialysis.*

Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar-rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat *dialysis.* Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d-depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "*compelling reasons"* - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni,

l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar-rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.

Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.

**Rigward id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali.**

Dan l-ilment tar-rikorrent ma giex spjegat jew zviluppat fir-rikors promotur u barra minn hekk ir-rikorrent naqas milli jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u ghalhekk il-Qorti hija priva mir-ragunament tar-rikorrent li sejjes dan l-ilment.

Il-Qorti tista' tirrileva biss illi jekk dan l-ilment huwa bbazata fuq il-fatt illi fiz-zmien meta r-rikorrent tressaq il-Qorti, l-Avukat Generali kellu diskrezzjoni assoluta li jiddeciedi jekk ir-rikorrent jitressaqx quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew il-Qorti Kriminali, liema ghazla kienet anke taffetwa il-piena li setghat tigi nflitta fuq ir-rikorrent, dan l-ilment m'huwiex fondat. Dan ghaliex, waqt li l-proceduri kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Kriminali, il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kien gie amendat sabiex jaghti lil persuni ikkoncernati l-possibilita li jressqu appell kontra d-decizjoni tal-Avukat Generali, u ghal dawk il-persuni kontra min kien diga hemm proceduri ghaddejjin, gew moghtija d-dritt illi jressqu tali appell sa mhux aktar tard mit-30 ta' Frar 2015, u dan skont l-Artikolu 22 (2A) (b) li jaqra hekk:

> "*Meta l-Avukat Ġenerali jkun ordna li l-persuna akkużata tiġi ġġudikata fil-Qorti Kriminali skont is-subartikolu (2), meta tintemm il-kumpilazzjoni jew fi żmien sebat ijiem mid-data li fiha l-persuna akkużata tkun notifikata bl-att ta' akkuża, f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex*

*lakkużat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, l-akkużat jista' permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-kumpilazzjoni, jitlob lillimsemmija qorti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u lQorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali:*

*Iżda rikors skont dan il-paragrafu jista' biss jiġi ippreżentat darba matul il-kors ta' kull proċedura:*

*Iżda wkoll **persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subartikolu, ikunu qed jistennew kawża fil-Qorti Kriminali wara ordni mogħtija skont is-subartikolu (2) jista', minkejja id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, jippreżenta rikors quddiem limsemmija qorti skont dan il-paragrafu mhux aktar tard mit-30 ta' April 2015***".

Ghalhekk ir-rikorrent kellu l-opportunita li jresaq quddiem il-Qorti Kriminali, appell kontra d-decizjoni tal-Avukat Generali li jixlih quddiem il-Qorti Kriminali, u jekk r-rikorrent naqas milli jaghmel dan *imputet sibi.*

Jekk dan l-ilment imbaghad jirrigwarda it-thaddim tal-Artikolu 29 tal-istess il-ligi, il-Qorti tirrileva illi m'huwiex minnu dak li jghid ir-rikorrent, u cioe illi dan l-artikolu jaghti diskrezzjoni assoluta lill-intimati rigward il-possibilita ta' tnaqqis fil-piena. L-Artikolu 29 jipprovdi illi:

"*Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li*

*jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*."

Ghalhekk jidher car illi ilment ibbazata fuq dan l-artikolu huwa nfondat ghaliex:

1. L-akkuzat stess ghandu l-possibilita li huwa stess jipproduci provi quddiem il-Qorti li juru li huwa ghen lil Pulizija biex taqbad il-persuna li kienet proveditilha d-droga;
2. Id-decizjoni dwar il-grad ta' tnaqqis ta' piena ma tiddependix mill-prosekuzzjoni izda qeghda f'idejn il-Qorti kompletament;

Ghalhekk din il-parti tal-ilment qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrent ghamel ukoll ilment a bazi tal-Artikolu 7 illi l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti diskrezzjoni lill-intimati li twassal ghal impatt sostanzjali fuq il-piena.

Permezz tal-eccezzjoni numru hamsa, l-intimati eccepew illi galadarba r-rikorrent ghadu ma wehilx piena, ma jistghax jitqies bhala vittma ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Avukat Jose Herrera noe vs Avukat Generali** deciza fit-13 ta' April 2011; **Joseph Lebrun vs L-Avukat Generali** deciza fis-16 ta' Settembru 2014; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Zarb et** deciza fis-6 ta' Frar 2015; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Jose Edgar Pena** deciza fit-30 ta' Settembru 2016, liema sentenzi huwa msejjsin fuq l-insenjament tal-Qorti ta' Strasbourg, u tqis illi din l-eccezzjoni hija fondata, il-ghaliex galadarba ir-rikorrent ghadu ma wehilx piena, ma jistghax jitqiex bhala

vittma ta' vjolazzjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk, il-Qorti tilqa' il-hames eccezzjoni tal-intimati u tichad l-ilment tar-rikorrent safejn huwa rrelatat mal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Jifdal issa li l-Qorti tikkonsidra x'rimedju ghandu jinghata lir-rikorrent ghal-lezjoni ta' smiegh xieraq sofferta minnu meta ma inghatax il-possibilita li jigi assistit minn avukat waqt l-interrogazzjonijiet maghmula lilu mill-pulizija.

Il-Qorti taghraf illi id-drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ghandhom ikunu prattici u effettivi u mhux biss teoretici u illuzjorji. Taghraf ukoll illi r-rikorrent ghandu dritt ghal rimedju effettiv. Taghraf ukoll illi huwa risaput illi sabiex rimedju jkun verament effettiv, safejn huwa possibli il-Qorti trid tirritorna lir-rikorrent ghall-*istatus quo ante,* u cioe ghal posizzjoni li kien jinsab fiha qabel ma gie kommess l-att leziv ghad-drittijiet fondamentali tieghu.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-oghti ta' rimedji verament effettivi mill-Qrati ghal lezjonijiet ta' drittijiet fondamentali m'huwiex biss ta' importanza fondamentali u kritika ghas-salvagwardja ghad-drittijet tal-individwu li jkun ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti, izda wkoll ghas-salvagwardja tal-fiducja li kull persuna li taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Istat ghandu jkollha fil-Qrati, bhala tarka ta' protezzjoni ghalihom kontra kwalunkwe abbuz ta' poter li jista' jigi perpetrat mill-iStat bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom. Din il-fiducja hija fondamentali sabiex fil-pajjiz verament tkun tista' tirrenja s-Saltna ta' Dritt, ghaliex fin-nuqqas ta' poter vestit f'xi awtorita pubblika ndipendenti u awtonoma sabiex tinvestiga *di sua sponte* vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali kommessi mill-Istat, tali investigazzjoni u determinazzjoni tiddependi esklussivament fuq il-fiducja tac-cittadin li jressaq, a spejjez almenu inzjalment tieghu, ilmenti dwar tali lezjonijiet a

konjizzjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk, jekk din il-Qorti tonqos milli tispira fiducja fic-cittadin, tkun qieghda hija stess timmina s-Saltna tad-Dritt f'pajjizna.

Ghalhekk huwa fuq dawn il-binarji illi l-Qorti trid tiddetermina x'ghandu jkun ir-rimedju moghti lir-rikorrent.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rimedju effettiv ghal ksur tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq soffert mir-rikorrent jirrikjedi mhux biss l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati minnu, u kwalunwke xhieda tal-pulizija li taghmel referenza ghal kontenut ta' dawn l-istqarrijiet. Il-Qorti tqis illi r-rikorrent ghandu jinghata l-opportunita li jikkonferma jew jirtira l-ammissjoni li huwa ghamel quddiem il-Qorti Kriminali, galadarba tali ammissjoni kienet neccesarjament konnessa mal-istqarrijiet rilaxxati minnu. Il-Qorti tqis ukoll illi fil-kaz illi r-rikorrent jaghzel li jirtira l-ammissjoni tieghu, ghandu jigi sfilzat il-*pre-sentencing report* tal-*probation officer* Carmen Nygaard, peress illi dan jikostitwixxi konferma tal-ammissjoni tar-rikorrent. Huwa biss b'dan il-mod illi l-iStat jista jigarantixxi li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ma jkunux mittiefsa mill-ksur ta' dritt fondamentali ikkonstatat minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-hames u t-tminatax -il eccezzjoni tal-intimati u tichad it-talbiet tar-rikorrent safejn huma bbazati fuq l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni b'referenza ghad-dritt tar-rikorrent ghal tribunal indipendenti u mparzjali, tichad il-bqija tal-eccezzjoni tal-intimati u tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba li ma inghatax access ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjonijiet li sarulu mill-pulizija, u konsegwentement:

1. **Tordna l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati minnu lil pulizija, u kwalunwke xhieda tal-pulizija li taghmel referenza ghal kontenut ta' dawn l-istqarrijiet;**

2. **Tordna illi r-rikorrent jinghata l-possibilita li jirtira jew jikkonferma l-ammissjoni maghmula minnu quddiem il-Qorti;**

3. **Tordna illi fil-kaz li r-rikorrent jirtira l-ammissjoni maghmula minnu, jigu sfilzati r-rapport tal-Probation Officer Carmen Nygaard u kwalunwke referenza ghal ammissjoni maghmula mir-rikorrent.**

L-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi a karigu tal-intimati u terz a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**